**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Shannon Borg**

**Każ Numru: 2706/24**

**Ref: 6/POL/221/2024**

**Illum is-6 ta' Jannar, 2025**

**<u>Il-Qorti,</u>**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Shannon Borg** bint Charles Paul u Josianne nee' Borg, residenti 102, Triq il-Qolla, Żebbuġ, bil-karta tal-identita' bin-numru 537893M talli nhar it-23 ta' Diċembru 2023 meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Kevin Vassallo għal uliedkom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat li l-kawża odjerna instemgħet kontestwalment ma' kawża oħra fl-istess ismijiet u li r-rapport relattiv tagħha huwa 6/POL/55/2024[1] u li għalhekk provi u x-xhieda li tressqu f'kawża waħda jagħmlu l-istess prova għal-kawża l-oħra[2];

Rat id-dokumenti esebiti senjatament:

1. Affidavit ta' **PS 2329 Tiziana Azzopardi**[3] u li permezz tiegħu tiddikjara li nhar il-11 ta' Jannar 2024 Kevin Vassallo rrapporta fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ li Shannon Borg ma tagħtux aċċess għal bintu fit-23 ta' Diċembru 2023 (6pm) u 24 ta' Diċembru 2023 (6.00pm). Tispjega wkoll li fl-imsemmija ġurnata tat-23 ta' Diċembru 2023 Kevin Vassallo kien diġa' rraporta dwar in-nuqqas t'aċċess pero' minħabba l-fatt li l-aċċess kien għadu ma spiċċax ir-rapport ma setax jittieħed. Tirreferi għal numru ta' Digrieti li abbażi tagħhom jikkontendi li kellu l-aċċess u li tgħid li huma annessi mal-istess affidavit (għalkemm tali Digrieti m'humiex annessi) u żżid tgħid li wara li kkonsultat mad-Dipartiment tal-PCO, mexxiet bir-rapport fuq l-istruzzjonijiet li ingħatat. Tkompli tgħid li nhar is-16 ta' Jannar 2024 tkellmet ma' Shannon Borg u wara li tatha s-solita twissija, d-dritt tal-avukat u d-dritt tas-silenzju, rrifjutat tali drittijiet u ffirmat dikjarazzjoni f'dan is-sens. Shannon Borg stqarret li Kevin kien imissu l-aċċess fid-dati ndikati aktar qabel u ħa t-tifla fl-24 ta' Diċembru 2023 fis-2.30pm sal-25 ta' Diċembru fis-2.30pm u dan abbażi tad-Digriet 153/2019 JPG li jgħid f'paġna 13 li meta l-ġranet jaħbtu hekk, dan l-aħħar Digriet jgħodd. Shannon Borg ġiet infurmata li ser jinħarġu l-akkużi kontra tagħha;

2. Okkorrenza bir-referenza 6/POL/221/2024 datata 11 ta' Jannar, 2024[4];

[1] Ara l-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2024, a fol 6 *et seq* tal-proċess, minn fejn jirriżulta li l-kawża odjerna (li dak inhar fil-lista kellha n-numru 43) kienet qed tinstema' mal-kawża bin-numru 2696/24 u fil-lista bin-numru 43A

[2] **Il-Pulizija vs. Manuel Gouder** (Appell numru 349/2021) deċiża nhar it-23 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali

[3] Ara a fol 2 tal-proċess

[4] Ara a fol 3 et seq tal-proċess

3. Vera Kopja tad-Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 19 ta' Mejju 2022[5];

4. *Screenshot* tal-*leave* meħud mill-parti leża[6];

5. *Screenshot* ta' messaġġi skambjati bejn il-partijiet[7];

6. *Screenshot* ta' messaġġi skambjati bejn il-parti leża u t-tifla[8];

7. Vera Kopja tad-Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 16 ta' Diċembru 2019[9];

8. *Screenshot* ta' messaġġi skambjati bejn il-partijiet[10];

9. Kopja tad-Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat 27 ta' Mejju, 2024[11];

Rat l-atti proċesswali kollha;

Semgħet lill-parti leża **Kevin Vassallo** jixhed waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024[12] u li permezz tagħha ddikjara li fit-2 ta' Jannar, 2024 kien ħa l-*leave* għaliex għandu Digriet li jgħid li t-Tlieta 2 ta' Jannar jeżerċita l-aċċess versu t-tifla Shazienne Vassallo li ser tagħlaq

---

[5] Ara Dok. KV1 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, liema dokument ġie esebit fl-oriġinal tiegħu fil-kawża bin-numru 2696/2024 a fol 33 tal-proċess u li kopja tal-istess ġiet inserita fl-atti tal-kawża odjerna a fol 34 tal-proċess

[6] Ara Dok. KV2 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, a fol 36 tal-proċess liema dokument ġie esebit fl-oriġinal tiegħu fil-kawża bin-numru 2696/2024

[7] Ara Dok. KV3 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, a fol 37 *et seq* tal-proċess liema dokument ġie esebit fl-oriġinal tiegħu fil-kawża bin-numru 2696/2024

[8] Ara Dok. KV4 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, a fol 39 tal-proċess liema dokument ġie esebit fl-oriġinal tiegħu fil-kawża bin-numru 2696/2024

[9] Ara Dok. KV5 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, liema dokument ġie esebit fil-kawża bn-numru 2696/2024 a fol 41 tal-proċess u li kopja tal-istess ġiet inserita fl-atti tal-kawża odjerna a fol 40 tal-proċess

[10] Ara Dok. SB1 u Dok SB2 esebit minn Shannon Borg fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024 a fol 66 *et seq* tal-proċess

[11] Ara a fol 69 et seq tal-proċess

[12] Ara a fol 8 et seq tal-proċess

tnax (12)-il sena fil-17.30hrs mingħand l-imputata (li hu jagħraf fl-awla) ġewwa Triq il-Qolla, Żebbuġ iżda l-imputata ma ridietx ittih lit-tifla għall-aċċess. Jispjega li beda jċempel kemm lit-tifla u kemm lill-imputata iżda t-tnejn li huma ma rrispondewhx. Jispjega li kien jaf li ma kienetx ħa ttih it-tifla u dan għaliex fis-27 ta' Diċembru, kien hemm sensiela ta' messaġġi, b'tgħajjir, fejn anke t-tifla spiċċat tibgħatlu. Jagħmel ukoll referenza għall-korrispondenza li saret bejnu u bejn l-imputata u bejnu u bejn il-minuri. Iżid jgħid li kellem psikologa li ssegwi lit-tifla u għandu korrispondenza mingħandha fejn qaltlu li aħjar ma jkollux kuntatt mal-imputata u jekk ikun hemm bżonn xi ħaġa jikkomunikaw magħha u dan għaliex it-tiżgwid u t-tgħajjir baqa' jikber. Jikkonferma li fit-2 ta' Jannar hu mar wara l-bieb imma ma eżerċitax l-aċċess u li r-raġuni għala l-imputata ma tagħtux l-aċċess kien għaliex hija bdiet tirreferi għad-Digriet datat 16 ta' Diċembru, 2019. Jikkonferma wkoll li fit-23 ta' Diċembru ġara l-istess u ma eżerċitax l-aċċess. Beda jċempel u jaqtgħulu u l-imputata bagħtitlu parti mid-Digriet bil-kulur. Jispjega li meta ingħata d-Digriet kien wara li sar rikors konġunt bejniethom fejn qablu li ġranet speċjali huma Lejliet il-Milied u il-Milied, Lejliet l-Ewwel tas-sena u L-Ewwel tas-Sena, u mhux fit-23 jew is-26, jew is-27 jew ġranet oħra. Jispjega wkoll li kien imissu *sleepover* mit-23 għat-24 matul is-sena u kien imissu l-aċċess addizzjonali mill-24 sal-25 li kien jibda mis-14.30hrs sas-14.30hrs tal-għada b'dan li mar għall-minuri fit-23, kellu kollox ibbukjat biex imorru *weekend break* u t-tifla ma ħarġitx. Imbagħad marru għaliha l-għada.

In kontro-eżami jikkonferma li rritorna lill-minuri fit-2 ta' Jannar fis-14.30hrs (liema aċċess kien addizzjonali). Kellu l-aċċess skont id-Digriet tas-sena 2022 fejn kellu jiġbor lit-tifla fil-17.00hrs iżda ma ħarġitx. Meta mar fil-17.00hrs għall-minuri kien sabiex jeżerċita l-aċċess skont id-Digriet mogħti fis-sena 2022. Fir-rigward għat-23 ta' Diċembru jgħid li l-imputata bagħtitlu messaġġ bil-*high lighter*, ma spjegatx ruħha u mar għat-tifla fit-23 u mhux fl-24.

Semgħet lill-imputata **Shannon Borg** tixhed waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024 li fit-2 ta' Jannar, 2024 il-parti leża ma ħallitux jeżerċita ll-aċċess mill-ħamsa sal-ħamsa għaliex kien ħa lit-tifla għall-aċċess mill-1 ta' Jannar sat-2 ta' Jannar skont id-digriet tas-sena 2019 li kienu jimxu miegħu kull sena anke wara li ħareġ id-Digriet tas-sena 2022. Tispjega li eżerċita l-aċċess mill-1 ta' Jannar mis-14.30hrs sat-2 ta' Jannar sas-14.30hrs, u

pretenda li jerġa' jmur sagħtejn wara u jerġa' jieħu lill-minuri għall-aċċess. Tgħid li skond id-Digriet tas-sena 2019 huwa ċar illi jekk jeżerċita dak l-aċċess, l-aċċess l-ieħor jaqa'. Iżżid tgħid ukoll li fit-2 ta' Jannar 2024 m'għandhiex korrispondenza iżda fis-27 ta' Diċembru, għandha korrispondenza li l-parti leża qalilha x'ser jagħmel u għalhekk ma kienetx qed twieġbu, għaliex qalilha li kien ser juża iż-żewġ Digrieti flimkien mingħajr ma jagħti każ il-klawsola tas-sena 2019. Bagħtitlu l-klawsola *highlighted* għaliex kien ilu mis-sena 2019 imur l-Għassa u qatt ma ressquha quddiem il-Qorti. Din id-darba ressquha għaliex kien hemm Digriet ieħor. Qalet li għaliha jimxu ma' liema Digriet irid imma mhux jieħu aċċess ta' wieħed u aċċess tal-ieħor u ma jikkalkulawx il-klawsola. Tikkonferma li fit-2 ta' Jannar ma tagħtux l-aċċess normali u mhux l-aċċess addizzjonali.

Tkompli tgħid li kwantu għat-23 ta' Diċembru 2023 ġara l-istess, skont id-Digriet tas-sena 2019 li dejjem kienu jimxu miegħu, kien imissu l-aċċess mill-24 ta' Diċembru mis-14.30hrs sal-għada 25 ta' Diċembru sas-14.30hrs. L-ieħor li għandhom ta' matul is-sena kif hemm miktub fil-klawsola stess suppost jaqa' għax kien imissu mit-23 ta' Diċembru mis-18.00hrs sal-24 ta' Diċembru sas-18.00hrs, allura dak waqa u ma ħax mit-23 ta' Diċembru sat-24 ta' Diċembru, għaliex eżerċita l-aċċess mill-24 ta' Diċembru sal-25 ta' Diċmebru u mexa mad-Digriet tas-sena 2019 li dejjem imxew miegħu għall-ġranet partikolari għaliex matul il-ġimgħa meta ma jaħbtux f'dawk il-ġranet jimxu mad-Digriet tas-sajf u tal-Għid.

In kontro-eżami tikkonferma li dan id-diżgwid ilu għaddej għal numru ta' snin. L-affarijiet kienu dejjem ċari iżda l-parti leża jippretendi li dik il-klawsola ma jagħtix kasha mis-sena 2019 u ftehmu b'nota konġunta. Tispjega wkoll li d-Digriet tas-sena 2022 ingħata fuq rikors li sar mill-parti leża u kien ordnat li jkun hemm aċċess f'ġranet partikolari inkluż fil-vakanzi tas-sajf, tal-Għid u l-Milied imma mhux fil-ġranet partikolari tas-sena 2023 u 2024 kif qiegħed fid-Digriet tas-sena 2019.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-imputata qed tiġi akkużata talli fit-23 ta' Diċembru 2023 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Kevin Vassallo għal uliedkom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

L-akkuża li biha hi mixlija l-imputata fil-kawża ojderna, tinkwadra ruħha taħt l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"***Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min.... meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa***".

Dan allura jfisser li fil-każ odjern il-Prosekuzzjoni kellha tissodisfa tliet (3) elementi sabiex tipprova l-każ tagħha b'suċċess u ċioe' li kien hemm:

1. Ordni mill-Qorti jew kuntratt li jorbot il-partijiet fuq aċċess;
2. Ir-rifjut t'aċċess da parti ta' min għandu l-kustodja tal-wild;
3. Li ma kienx hemm raġuni xierqa għal tali rifjut t'aċċess.

**<u>L-Ordni mill-Qorti jew Kuntratt li jorbot lill-partijiet fuq Aċċess</u>**

Il-Qorti tara li in atti ġew esebiti tlett Vera Kopji ta' Digrieti. L-ewwel Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat is-16 ta' Diċembru 2019[13] jgħid:

*In oltre, għar-rigward tal-Festi tal-Milied, il-Qorti rat in-nota konġunta tal-partijiet datata 11 ta' Diċembru, 2019, u għaldaqstant il-Qorti tordna li il-Missier jkollu aċċess addizzjonali mil-24 ta' Diċembru 2019, mis-2.30pm sal-għada Jum il-Milied sas-2.30pm*

---

[13] Ara Dok. KV5 esebit minn Kevin Vassallo fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, liema Digriet ġie esebit fil-kawża bin-numru 2696/24, kawża fil-lista 43

*filwaqt li għas-sena 2020, il-Missier jkollu aċċess addizzjonali minn Jum il-Milied mis-2.30pm sas-26 ta' Diċembru 2020; u dan l-arranġament jibqa jalterna minn sena għal sena.*

*Għal rigward l-Ewwel tas-sena 2020, il-Qorti tordna li l-Missier jkollu aċċess addizzjonali nhar l-1 tas-sena 2020, fis-2.30pm sat-2 ta' Jannar 2020 sas-2.30pm. Fis-sena sussegwenti, il-Missier jkollu aċċess addizzjonali minn Lejliet l-Ewwel tas-Sena, 2020 mis-2.30pm, sal-Ewwel tas-sena 2021 fis-2.30, u dan l-arranġament jibqa jalterna minn sena għal sena.*

*Illi b'dana li jekk l-aċċess ta' matul is-sena tal-missier għandu jaqa' f'xi ġurnata msemmija meta hu jkollu aċċess addizzjonali fuq imsemmi, l-aċċess ta' matul is-sena ma jseħħx u minflok iseħħ l-aċċess addizzjonali fuq imsemmi.*

Fit-tieni Digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat id-19 ta' Mejju, 2022[14] u li permezz tiegħu fuq talba tal-parti leża il-Qorti tal-Familja ordnat:

*Tilqa' t-talba ta' Kevin Vassallo limitatament b'dana li fil-vaganzi skolastiċi tas-sajf, tal-Għid u tal-Milied, l-aċċess għall-minuri ikun:*

1. *Kull nhar ta' Tnejn mill-5.00pm sas-7.00pm;*

2. *Ikun hemm is-sleep over mit-Tlieta għall-Erbgħa mill-5.00 pm sal-5.00 pm b'dana li jintilef l-aċċess ta' nhar it-Tlieta u nhar l-Erbgħa;*

3. *U sleep over fil-weekend b'mod alternat, l-ewwel ġimgħa nhar ta' Sibt sal-Ħadd mis-6.00 o.m. sas-6.00 p.m. u l-ġimgħa ta' wara nhar il-Ġimgħa mis-6.00p.m. sas-Sibt fis-6.00 p.m. dan l-ordni għall-aċċess waqt il-vaganzi skolastiċi jibda jseħħ mill-1 ta' Lulju 2022.*

[14] Ara Dok. KV1 esebit minn Charlot Debono fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024, liema Digriet ġie esebit fil-kawża bin-numru 2696/24, kawża fil-lista 43

Il-Qorti tara wkoll illi ġie esebit in atti wkoll Kopja ta' Digriet maħruġ mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datat is-27 ta' Mejju, 2024[15] fejn l-avukati difensuri talbu lill-istess Qorti sabiex jiġu ċċarati d-Digrieti tal-aċċess dwar festi speċjali tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena u b'referenza fid-Digriet tagħha datat 16 ta' Diċembru 2019 fejn il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat illi l-aċċess addizzjonali tal-missier tal-Ewwel tas-Sena jibda fl-Ewwel tas-Sena 2.30 pm u jispiċċa fit-2 ta' Jannar 2.30pm waqt li l-aċċess addizzjonali ta' Jum il-Milied jibda minn 2.30pm u jispiċċa fis-26 ta' Diċembru fis-2.30pm u għal dan il-għan issir korrezzjoni/varjazzjoni fid-Digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2019. Il-Qorti ordnat ukoll illi l-aċċess tal-missier għall-minuri fil-festi pubbliċi, tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, *Father's day* u *Mother's day* u għeluq is-snin tal-minuri u tal-partijiet jikkanċella u huwa superjuri għall-aċċess normalment eżerċitat.

Din il-Qorti pero' tirrileva li tali Digriet ta' Mejju 2024 m'huwiex qiegħed jittieħed in konsiderazzjoni u għall-finijiet kollha tal-kawża odjerna qed jiġi dikjarat bħala dokument sfilzat u dan *stante* li ġie preżentat **wara li l-provi ġew dikjarati magħluqa u l-kawża ġiet differita għas-sentenza u mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti**. Dan kollu apparti l-fatt li tali Digriet inħareġ **wara** d-data in kwistjoni.

Dan allura jfisser li l-Qorti għandha fattwalment żewġ Digrieti validi u li jagħmlu prova fil-kawża odjerna kwantu għall-aċċess tal-minuri – liema Digrieti ġew preżentati bħala Vera Kopja tal-istess u li abbażi tagħhom joħroġ id-dritt t'aċċess allura l-Qorti tara li l-Ewwel rekwiżit ġie sodisfatt.

**Ir-Rifjut t'Aċċess**

Fix-xhieda tiegħu l-parti leża Kevin Vassallo jiddikjara li huwa mexa skont id-Digriet datat 19 ta' Mejju, 2022 u fis-sena 2024 kien imissu is-*sleepover* ta' matul is-sena mit-23 sal-24 ta' Diċembru, filwaqt li kien imissu l-aċċess addizzjonali mill-24 sal-25 ta' Diċembru li kien jibda ms-14.30hrs sas-14.30hrs. Mar sabiex jeżerċita l-aċċess fit-23 għaliex kellu kollox ibbukat sabiex imorru *weekend break* iżda it-tifla ma ħarġitx, għalhekk dik il-

[15] Ara a fol 69 tal-proċess

ġurnata tilifha u marru l-ġurnata ta' wara. Jgħid li kważi dejjem jaħbatlu l-aċċess fil-Milied u li l-imputata qed tużah bħala rimpjazzament u mhux addizzjonali. Ir-raġuni li l-imputata tagħtu għar-rifjut tal-aċċess fit-23 ta' Diċembru kien li skontha kien japplika d-Digriet l-ieħor u bagħtitlu parti minn dan id-Digriet f'*chat highlighted*. Iżid jgħid li dakinhar ċempel kemm lill-imputata u kemm lit-tifla iżda ħadd ma rrisponda u b'hekk l-aċċess *ai termini* tad-Digriet tas-sena 2022 ma ġiex eżerċitat. L-imputata min-naħa l-oħra tispjega li dejjem eżerċitaw l-aċċess skont id-Digriet tas-sena 2019 u dan anke wara li ingħata d-Digriet tas-sena 2022. Tispjega li l-missier eżerċita l-aċċess addizzjonali u ċioe' dak mill-24 ta' Diċembru mis-14.30hrs sal-25 ta' Diċembru sal-14.30hrs, u li pretenda li jmur jerġa' jiġbor lit-tifla sagħtejn wara li jwassalha biex jerġa' jiħodha għal erbgħa u għoxrin siegħa (24) oħra. Ssostni wkoll li jekk imxew mad-Digriet tas-sena 2019, allura l-aċċess l-ieħor jaqa'. Iżżid tgħid li bagħtitlu d-Digrieti *highlighted* biex turih għaliex ma kienx qed isir l-aċċess iżda l-parti leża kien qed juża ż-żewġ Digrieti f'daqqa. Għalhekk bħala stat ta' fatt (u jidher li fuq dan il-punt hemm qbil ukoll) fid-data mertu tal-kawża odjerna, it-23 ta' Diċembru, 2023 l-imputata verament irrifjutat li tagħtih aċċess għal bintu u konsegwentement din il-Qorti tara li anke dan ir-rekwiżit ġie sodisfatt.

**<u>Ir-Raġuni wara r-Rifjut</u>**

Ġialadarba ż-żewġ rekwiżiti msemmija aktar 'il fuq ġew sodisfaċentement pruvati, jibqa' biss allura li l-Qorti sabiex tara jekk ir-rifjut t'aċċess da parti tal-intimata kienx għal raġuni xierqa kif trid il-liġi jew le. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmen Tabone Reale** deċiża mill-Qorti tal-Appell Krimali nhar il-25 ta' Lulju 1994 li kkwotat il-każ Kanadiż **R. v. Arthurs, ex p. Port Arthur Shipbuilding Co (1967) 1 Ontario Reports 272** "***'Just cause' does not mean the same as 'proper cause', 'proper' meaning only 'fit, apt, suitable' whereas 'just' has a wider meaning involving equitable considerations***", u kompliet tgħid li "***Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp kriminali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha***...". Jirriżulta illi l-aċċess versu l-minuri huwa regolat b'żewġ Digrieti datati 16 ta' Diċembru, 2019 u 19 ta' Mejju, 2022 senjatament u li ż-Żewġ Digrieti jeżistu u huma applikabbli kontemporanjament.

Illi d-Digriet datat 16 ta' Diċembru, 2019 jirregola l-aċċess addizzjonali kemm tal-festi tal-Milied kif ukoll tal-Ewwel tas-Sena, fejn l-istess Digriet ikompli jipprovdi:

*Illi b'dana li jekk l-aċċess ta' matul is-sena tal-missier għandu jaqa' f'xi ġurnata msemmija meta hu jkollu aċċess addizzjonali fuq imsemmi, l-aċċess ta' matul is-sena ma jseħħx u minflok iseħħ l-aċċess addizzjonali fuq imsemmi.*

Illi fit-tieni Digriet u ċioe' dak datat 19 ta' Mejju, 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tal-parti leża, in vista tal-aċċess versu t-tifla, ***limitatament b'dana li fil-vaganzi skolastiċi tas-sajf tal-Għid u tal-Milied, l-aċċess għal-minuri ikun:***

1. ***Kull nhar ta' Tnejn mill-5.00pm sas-7.00pm;***
2. ***Ikun hemm is-sleep over mit-Tlieta għall-Erbgħa mill-5.00 pm sal-5.00 pm b'dana li jintilef l-aċċess ta' nhar it-Tlieta u nhar l-Erbgħa;***
3. ***U sleep over fil-weekend b'mod alternat, l-ewwel ġimgħa nhar ta' Sibt sal-Ħadd mis-6.00 o.m. sas-6.00 p.m. u l-ġimgħa ta' wara nhar il-Ġimgħa mis-6.00p.m. sas-Sibt fis-6.00 p.m. dan l-ordni għall-aċċess waqt il-vaganzi skolastiċi jibda jseħħ mill-1 ta' Lulju 2022[16].***

Għalhekk filwaqt li jirriżulta li id-Digriet ġie varjat fuq il-ġranet tal-aċċess normali, ċertament ma jirriżultax illi l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) varjat jew irrevokat l-ordni tal-provvediment mogħti fid-Digriet datat 16 ta' Diċembru, 2019 hawn fuq ċitat u ċioe' meta l-aċċess ta' matul is-sena tal-missier jaqa' f'ġurnata meta jkollu aċċess addizzjonali[17]. Dak il-provvediment qatt ma ġie revokat.

Illi d-Digrieti m'għandhomx jiġu applikati b'mod separat iżda b'mod kontestwali. Għaldaqstant jirriżulta illi għalkemm il-ġranet u l-ħinijiet ġew varjati, ċertament illi l-

[16] Vide Digriet datat 19 ta' Mejju, 2022 mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), a fol 35 tal-proċess
[17] Vide a fol 52 tal-proċess

provvediment hawn fuq ma ġiex varjat. Jirriżulta illi l-parti leża eżerċita l-aċċess addizzjonali u ċioe' mill-24 ta' Diċembru sal-25 ta' Diċembru u l-aċċess normali kien ser ikun mit-23 ta' Diċembru sal-24 ta' Diċembru li jaqa' fl-istess ġuranta li kellu l-aċċess addizzjonali. Skont il-provvediment fid-Digriet tas-sena 2019 senjatament jgħid, *jekk l-aċċess ta' matul is-sena tal-missier għandu jaqa' f'xi ġurnata msemmija meta hu jkollu aċċess addizzjonali fuq imsemmi, l-aċċess ta' matul is-sena ma jseħħx u minflok iseħħ l-aċċess addizzjonali fuq imsemmi.* Dan ifisser li ġialadarba l-missier eżerċita d-dritt tiegħu t'aċċess addizzjonali (li wkoll waqa' f'ġurnata meta kellu l-aċċess normali), allura l-aċċess addizzjonali jipprevali b'dan li kellu jiġi applikat il-provvediment li ma jseħħx l-aċċess normali għal dik il-ġurnata partikolari fejn ġie eżerċitat l-aċċess addizzjonali. Għalhekk l-imputata kienet fis-sew meta rrifjutat li tagħti l-aċċess fil-ġurnata ċitata fl-imputazzjoni odjerna *stante* li l-provvediment tad-Digriet tas-sena 2019 dwar liema aċċess għandu jiġi eżerċitat meta jkun hemm *overlap* fil-ġranet 'normali' jew ġranet fejn hemm aċċess addizzjonali qatt ma ġie revokat u kien ċertament applikabbli għall-każ odjern.

**<u>Decide</u>**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **ma ssibx lill-imputata ħatja tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tagħha u konsegwentement qiegħda tilliberaha minn kull ħtija u piena.**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**